MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 94/2007

**Saint James (Capua) Hospital Limited**

**vs**

**Rabia Amar Erkayes**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' sitt mija u tnejn u tletin Liri Maltin erbgha u hamsin centezmi (LM632.54) skond annessa fattura markata bhala Dok. A rapprezentanti bilanc dovut in konnessjoni ma interventi medici, akkomodazzjoni u servizzi u spejjez ohra relatati li saru gewwa Saint James (Capua) Hospital Limited, Sliema fi Triq Borg Olivier bejn l-4 u l-5 ta' Jannar, 2005 u dana fuq inkarigu u beneficcju tal-konvenuta;

Is-Socjeta' attrici titlob lit-Tribunal jikkundanna l-konvenuta thallasha s-somma fuq imsemmija ta' sitt mija u tnejn u

tletin Liri Maltin erbgha u hamsin centezmi (LM632.54) bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-Ispejjez kontra l-konvenuta inkluzi dwak tal-ittra ufficjali datata 7 ta’ April, 2006 li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni..

Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra l-Kapitolu ghas-Subizzjoni tal-konvenuta ipprezentat mill-PL Madeleine Firman fit-24 ta’ Settembru, 2007;

Ra li l-konvenuta naqset li tikkontesta l-Kawza;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------